Appell Nru: 185/2018

Il-Pulizija

Vs

Tarquin Vella

Illum 13 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 405690M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Jannar, 2018, gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Naqas li jaghti lil Roxanne Brignoli, s-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax –il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' April, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u qed tikkundannah ghal gimghatejn detenzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza

koncentrati l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant, u minflok, tinfliggi piena iktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Tarquin Vella huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b'xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l-appellant.

Illi l-appellant huwa ntenzjonat li jsib xoghol u li jhares l-obbligi tieghu, izda l-fatt li huwa qed ikun taht detenzjoni, mhux thallilu l-possibilita' li jaghmel dan.

Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena nflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludih milli jhallas il-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anke fuq il-wild minuri tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2018 l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Illi l-parte civile ma ghndha ebda interess ulterjuri f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellat fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Tarquin Vella taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kndizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.